# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 15 ta' Frar 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J Fenech)**
**vs**
**John Camenzuli**

**Kumpilazzjoni Nru: 412/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi John Camenzuli u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 717951M,

Akkuzat talli bejn il-21 ta' Frar, 2006 u l-21 ta' Frar, 2011 minn gewwa l-fond 24, 'John Jess', Triq tal-Wilga, Ghaxaq, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkometta serq ta' elettriku li l-valur tieghu jeccedi l-€232.94 ghad-detriment tal-Korporazzjoni EneMalta, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-hin; kif ukoll
2. Ghamel hsara fil-makkinarju jew fil-gumni tal-elettriku, jew ikkaguna it-telf tal-kurrent elettriku.

Rat in-nota t'l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

- 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 18, 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 270, 278(3), 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
- 18 u 326(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura soammarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz gie ntavolat fuq kwerela tal-Korporazzjoni Enemalta li qed tallega li l-imputat seraq elettriku mill-fond 24 Triq il-Wilga Ghaxaq.

Illi xehed Joseph Guiliano, impjegat ma'l-Enemalta. Jispjega li kienu qed jinbidlu l-meters tad-dawl u fil-21 ta' Frar 2011 kienu qed jinbidlu dawk fi Triq il-Wilga; hu mar fir-residenza ta' l-imputat. Meta kien qed izarma il-meter il-qadim beda jissusspetta li kien hemm wire misluh li minnu seta' kien qed jittiehed id-dawl minn qabel il-meter; meta ra hekk huwa waqaf u cempel lis-superjur tieghu certu John Vella. Fil-prezenza ta' dan John Vella x-xhud kompla jzarma u hadu ritratti ta' dak li kienu qed jikkonstataw. Guilano spjega li meta komplew izarmaw irrealizzaw li xi hadd kien dahhal wire fis-service box minn qabel l-arlogg. Hu spjega li l-wire l-misluh, li minnu kien qed jittiehed l-elettriku, kellu r-ramm jleqq li jfisser li kien jintuza ta' spiss ghaliex altirmenti kien jihdar. Spjega ukoll li biex iddahhal il-wire iehor fis-service box trid isforza u dan il-process jiddanneggja s-service box. Dan ix-xhud hejja rapport ta' l-ispezzjoni li minnu jirrizulta li dak in-nhar ta'l-ispezzjoni saret verifika ta' x'appliances hemm jintuzaw fid-dar ta'l-imputat u anke kemm hemm plakkek u bozzoz, u x' tip huma.

Illi l-imsemmi John Vella xehed. Huwa kkonferma li kien ircieva telefonata minghand Joseph Guiliano u ghalhekk mar hu ukoll fir-residenza ta'l-imputat. Hu ssorvellja l-process taz-zarmar u seta' jara li l-wire li kien hiereg mis-service box u jmur fil-meter kien mibrux u li r-ram kien ileqq. Dan ix-

xhud spjega li t-toqba minn fejn johrog dan il-wire (mis-service box) ma tkunx issiggilata u jekk taccessa dak il-wire il-konsum relattiv ma jkunx registrat ghaliex dak il-wire qieghed qabel il-meter.

Illi tressaq bhala xhud Alan Chetcuti, mir-revenue section tal-Korporazzjoni Enemalta. Huwa jispjega li giet preparata stima ghal konsum mhux registrat ghall-ahhar hames snin qabel id-data li fiha saret l-ispezzjoni. Skond din l-istima d-differenza bejn il-konsum registrat u dak li kellu jirrizulta jammonta ghal elfejn tnejn u ghoxrin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€2,022.53)[1].

Illi mix-xhieda ta' Alan Chetcuti u ta' Joseph Giuliano jirrizulta li ftit snin wara dan il-kaz l-imputat kien involut f'kaz iehor ta' serq wara li kien sar tbaghbis fil-meter il-gdid. F'dan it-tieni kaz pero l-imputat ibbenefika minn amnestija u wasal f'arrangament bonarju ma'l-Enemalta.

Illi ghal kull buon fini ghandu jigi rilevat li l-imsemmi xhud Alan Chetcuti prezenta l-kwerela ndirizzata lill-Kummissarju tal-Pulizija u a bazi ta' liema inbdew dawn il-proceduri; din il-kwerela hija datata 3 ta' Mejju 2015.

Illi l-imputat rrilaxxja stqarrija u ghazel li jixhed quddiem din il-Qorti. F'l-istqarrija huwa qal li l-fond tar-residenza tieghu bniegh hu u kien hu li applika ghas-servizz ta'l-elettriku. Jikkonferma li fil-gurnata in ezami gie xi hadd mill-Enemalta u qallu li kien sab wire mibrux pero hu ma kien jaf xejn dwaru u ma jafx kif inbarax il-wire.

Illi meta xehed quddiem il-Qorti l-imputat qal aktar affarijiet. Jghid li meta nqala' l-kaz hu ma kienx id-dar imma kien hemm il-mara tieghu pero din cemplitlu u qaltlu li kien hemm impjegat ta'l-Enemalta li qed jallega li ghandhom xi wire mibrux; ghalhekk hu mar id-dar. Meta wasal id-dar sab li l-arlogg kien diga zarmat u l-persuna li kienet hemm qatlu li kien ser icempel lil ta' fuqu; sa dak il-hin kien ghadu ma rahx il-wire mibrux. Waslet it-tieni persuna, bdew jitkellmu bejniethom u baqghu jinsistu li kien hemm wire mibrux u kien dak il-hin li urewh il-wire u hu ra il-barxa. L-imputat qal ukoll li xi sitt xhur qabel dan l-incident kien dahal impjegat ukoll ta'l-Enemlat ghandhom u ccekkja l-arlogg u sab li kien kollox sew; jghid li dak in-nhar kienu qed jibdlu l-arolggi ghand nies ohra fit-triq tieghu.

---

[1] L-istima taghmel referenza ukoll ghal penali u imghaxxijiet pero ai fini ta' dawn il-proceduri l-Qorti tista' tiehu in konsiderazzjoni biss il-konsum.

Illi mart l-imputat, Jessica Camenzuli, xehedet ukoll. Hi bejn wiehed u iehor tikkonferma l-verzjoni mghotija minn zewgha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat qed jigi addebietat b'zewg imputazzjonijiet: dik ta' serq aggravat u ta' hsara volontarja fil-makkinarju jew fil-gumni ta'l-elettriku.

Illi l-prosekuzzjoni qed tibbaza dan il-kaz fuq dak li kkonstataw Joseph Guiliano u John Vella meta kien qed jinbidel il-meter ta'l-imputat. Dawn iz-zewg persuni mhux biss irrakkontaw dak li raw dak in-nhar imma ikkorroboraw dak li qalu permezz tar-ritratti li ha John Vella dak in-nhar stess. Dawn ir-ritratti juru il-meter l-antik (bin-numru tieghu), is-service box kif ukoll il-wire il-mibrux bir-ram jidher ileqq. Il-Qorti ma tara li hemm l-ebda raguni ghalfejn ghandha tiddubita dak li xehedu Guiliano u Vella mhux biss ghax huma kienu xhieda kredibbli u li kkorroboraw dak li qalu permezz tar-ritratti imma anke ghaliex kien l-istess imputat li fid-depozizzjoni tieghu jikkonferma li kien hemm wire mibrux u li dan il-wire ntwera lilu meta kien lahaq wasal fuq il-post John Vella.

Illi fil-verita l-imputat jghid li l-ewwel kien Guiliano li gibidlu l-attenzjoni li l-wire kien mibrux; jghid ukoll pero li dak il-hin ma rahx il-wire imma rah aktar tard meta gie Vella. Guiliano fil-fatt qal li malli beda jigbed il-wire minn taht induna li s-service box kienet imbaghbsa ghalhekk cempel lil Vella u fil-prezenza tieghu kompla jzarma u seta' jikkonferma dak li kien qed jissusspetta qabel u cioe li kien hemm wire mibrux.

Illi dan il-brixx u d-dhul ta' wire iehor mit-toqba tas-service box jikkostitwixxi ksur kif definit f'l-artikolu 264(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-imputat mhux qed jinnega li kien hemm dan il-wire mibrux; huwa qieghed jghid li ma kienx jaf bih. Pero dan mhux sufficjenti biex tezonerah min responsabbilita penali. Ai termini ta'l-artikolu 264(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *fil-każ ta' ksur ta' ... fili jew gumni tas-servizz elettriku, jew tal-meters tagħhom, jew ta' xi siġill ta' xi meter, jew fil-każ ta'l-eżistenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wieħed jista' jkollu l-użu jew il-konsum illeġittimu ta' dan l-ilma, gass, jew kurrent elettriku, jew li bihom jista', jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantità meħuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, bħala prova illi*

*d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-ksur jew il-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-użu jew konsum ta' ilma, gass jew kurrent elettriku, skont ma jkun il-każ.*

Illi b'applikazzjoni ta' din id-dispozizzjoni ghall-kaz in ezami, la darba ingiebet prova li fil-meter fir-residenza ta'l-imputat kien hemm wire mibrux li minnu seta jittiehed eletrikku li ma jimmarkax fil-meter, kien jinkombi fuq l-imputat li jgieb prova, imqar sal-grad tal-probabbli li huwa ma kienx jaf b'dan il-konsum. L-imputat ma gab l-ebda prova f'dan is-sens.

Illi ghal kull buon fini l-Qorti ser tirreferi ghas-sottomissjoni tad-difiza li mal-meter esebiet ma kienx hemm il-wire l-mibrux u li fin-nuqqas ta' dan il-wire in atti l-imputat kellu jigi liberat. Il-Qorti pero ma tikkondividiex din it-tezi. Fil-fehma taghha ingiebet prova 'l hemm minn kull dubbju detatt mir-raguni li meta kien qed jigi mibdul il-meter ta'l-imputat instab wire mibrux; fatt li del resto huwa ammess mill-istess imputat.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija sodisfatta li l-imputazzjonijiet odjerni gew pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu instab hati l-imputat minp-naha u l-fedina penali netta min-naha l-ohra.

Illi ai fini ta'l-ewwel imputazzzjoni u l-aggravju tal-valur ghandu jigi rilevat li skond l-istima prezentat il-konsum fuq perjodu ta' hames snin kien ta' elfejn tnejn u ghoxrin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€2,022.53). Dan l-ammont jaqa fil-parametri imsemmija f'l-artikolu 279(a) tal-Kapitolu 9.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 261(b)(c), 263, 264, 267 u 326(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sittax il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A ta'l-istess Kapitolu 9 qed jigu sospieza ghal perjodu ta' sentejn. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien sitt xhur ihallas lill-Korporazzjoni Enemalta s-somma ta' elfejn tnejn u ghoxrin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€2,022.53).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**